# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-24 ta' Jannar 2007**

**Dwar l-Għajnuna mill-ISTAT Nru Ċ 38/2005 (ex NN 52/2004) implimentata mill-Ġermanja għall-Grupp Biria**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 130)*

**(Il-verżjoni Ġermaniża biss hija awtentika)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/492/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skond id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq [1] u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

### I. PROĊEDURA

(1) Fit-23 ta' Jannar 2002 u l-20 ta' Awwissu 2002 il-Kummissjoni rċeviet ilment dwar għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanzija pubblika favur il-grupp Biria.

(2) Wara bdil ta' korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-Ġermanja, din ta' l-aħħar infurmat lill-Kummissjoni b'ittra datata l-24 ta' Jannar 2003, irreġistrata li waslet fit-28 ta' Jannar, li l-pjan biex tingħata garanzija, li kien sar b'kundizzjoni li l-Kummissjoni tagħti l-approvazzjoni tagħha, kien ġie rtirat. Min għamel l-ilment ġie infurmat dwar dan b'ittra datata s-17 ta' Frar 2003.

(3) B'ittra datata l-1 ta' Lulju 2003, irreġistrata li waslet fid-9 ta' Lulju 2003, u b'ittra datata t-8 ta' Awwissu 2003, irreġistrata li waslet fil-5 ta' Settembru 2003, il-kwerelant ssottometta aktar informazzjoni dwar garanzija pubblika oħra favur il-grupp Biria u dwar parteċipazzjonijiet pubbliċi f'impriżi magħquda (*group companies*).

(4) Il-Kummissjoni talbet lill-Ġermanja b'ittra datata d-9 ta' Settembru 2003 biex tibagħtilha l-informazzjoni u l-Ġermanja wieġbet b'ittra datata l-14 ta' Ottubru 2003, irreġistrata, li waslet fis-16 ta' Ottubru 2003. Il-Kummissjoni talbet għal aktar informazzjoni fid-9 ta' Diċembru 2003 u l-Ġermanja ssottomettiet din l-informazzjoni f'ittra datata d-19 ta' Marzu 2004, irreġistrata li waslet dak inhar stess.

(5) Fit-18 ta' Ottubru 2004 l-Kummissjoni ħarġet inġunzjoni għall-għoti ta' informazzjoni għaliex kellha d-dubji dwar jekk il-miżuri ta' għajnuna mogħtija lill-grupp Biria kinux konformi ma' l-iskemi li fuq il-bażi tagħhom kienu allegatament ingħataw dawn il-miżuri. Fi tweġiba għall-inġunzjoni għall-għoti ta' l-informazzjoni l-Ġermanja ssottomettiet aktar tagħrif permezz ta' ittra datata l-31 ta' Jannar 2005 u rreġistrata dak inhar stess.

(6) Fl-20 ta' Ottubru 2005 l-Kummissjoni bdiet proċedura investigattiva formali fir-rigward ta' tliet allegati miżuri ta' għajnuna mill-Istat. Fl-istess deċiżjoni l-Kummissjoni dehrilha li diversi miżuri oħra ta' għajnuna li allegatament kienu ngħataw b'mod illegali jew ma kinux jikkostitwixxu għajnuna jew kienu ngħataw fuq il-bażi ta' skemi ta' għajnuna approvati u f'konformità magħhom. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tibda l-proċedura ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom fuq il-preżunti miżuri ta' għajnuna. Il-kummenti waslu b'ittra datata s-27 ta' Jannar 2006, irreġistrata li waslet fit-30 ta' Jannar, mingħand parti terza li xtaqet li tibqa' anonima, b'ittra datata s-6 ta' Frar 2006, irreġistata dak inhar stess, mingħand Prophete GmbH & Co. KG, Rheda-Wiedenbrück, u Pantherwerke AG, Löhne, u b'ittra datata s-6 ta' Frar, irreġistrata, li waslet dak inhar stess, u otra fis 27 ta' Frar 2006, ukoll irreġistrata, li waslet dak inhar stess, mingħand Vaterland-Werke GmbH & Co. KG, Neuenrade.

[1] ĠU C 2, 5.1.2006, p. 14.

[2] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

(7) Il-kummenti ntbagħtu l-Ġermanja permezz ta' l-ittri datati s-6 ta' Frar 2006 u t-2 ta' Marzu 2006. Il-Ġermanja wieġbet permezz ta' l-ittri datati l-5 ta' April, irreġistrata li waslet fis-7 ta' April, u t-12 ta' Mejju 2006, irreġistrata li waslet dak inhar stess, rispettivament.

(8) Ir-rispons tal-Ġermanja għall-bidu tal-proċedura formali ta' investigazzjoni sar permezz ta' ittra datata t-23 ta' Jannar 2006, irreġistrata li waslet dak inhar stess.

(9) Il-Kummissjoni talbet għal aktar informazzjoni fis-6 ta' Frar 2006 u l-Ġermanja ssottomettiet din l-informazzjoni f'ittra datata l-5 ta' April 2006, irreġistrata li waslet fis-7 ta' April. Il-Kummissjoni għamlet talba oħra għal aktar informazzjoni fid-19 ta' Lulju 2006 u l-Ġermanja wieġbet b'ittra datata l-25 ta' Settembru 2006, irreġistrata li waslet fis-26 ta' Settembru.

## II. **DESKRIZZJONI**

### 2.1. **Il-benefiċjarju**

(10) Il-grupp Biria huwa attiv fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tar-roti (*bicycles*). Il-kumpannija prinċipali tal-grupp, Biria AG, tinsab f'Neukirch, Sachsen, li hija żona megħjuna skond l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat tal-KE.

(11) Fl-2003 l-grupp kellu fatturat ta' EUR 93.2 m (2002: EUR 83.8 m) u rreġistra profitt ta' EUR 3.7 m (2002: telf ta' EUR 5.8 m). B'415 impjegat fl-2003 (2002: 490 impjegat), dan il-grupp għalhekk jikkwalifika bħala impriża kbira.

(12) Il-kumpannija prinċipali, Biria AG, twaqqfet fl-2003 b'riżultat ta' inkorporazzjoni bejn Biria AG kif kienet u waħda mis-sussidjarji tagħha, Sachsen Zweirad GmbH. Fl-istess żmien, isem din ta' l-aħħar inbidel minn Sachsen Zweirad GmbH għal Biria GmbH. F'April 2005 Biria GmbH inbidlet f'Biria AG. Fl-2003 Biria GmbH (issa Biria AG) kellha fatturat annwali ta' EUR 55.7 m u rreġistrat profitt ta' EUR 3.6 m. L-uniku proprjetarju ta' Biria AG huwa s-Sur Mehdi Biria.

(13) Apparti l-kumpannija prinċipali, il-kumpanniji l-iżjed importanti tal-grupp huma Bike Systems GmbH & Co. Thüringer Zweiradwerk KG (minn hawn 'il quddiem "Bike Systems"), li hija l-proprjetà ta' Biria permezz tal-kumpannija sussidjarja ta' Biria, Bike Systems Betriebs- und Beteiligungsgesellschaft mbH ("BSBG"), u ta' Checker Pig GmbH.

(14) Bike Systems tinsab f'Nordhausen, Thüringia, żona megħjuna skond l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat tal-KE. Fl-2003 din il-kumpannija kellha fatturat ta' EUR 6.1 m u għamlet telf ta' EUR 0.6 m. Kienet tħaddem 157 impjegat. Bike Systems tipproduċi roti esklussivament għall-kumpannija prinċipali tagħha l-BSBG ("Lohnherstellungsvertrag"). Il-BSBG hija responsabbli għad-distribuzzjoni tar-roti.

(15) Checker Pig GmbH tinsab fi Dresden, Sachsen, żona megħjuna skond l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat tal-KE. Fl-2003 din il-kumpannija kellha fatturat ta' EUR 6.9 m u għamlet telf ta' EUR 0.4 m. Kienet tħaddem 43 impjegat.

(16) Fis-7 ta' Novembru 2005 Biria AG biegħet il-parti l-kbira ta' l-assi tagħha lil żewġ kumpanniji tal-grupp Lone Star, fond ta' investiment privat. Il-proprjetà immobbli tibqa' ta' Biria AG u Biria AG tikriha lill-Grupp Lone Star. L-assi nbiegħu għal EUR 11.5 m. Espert estern ivvaluta l-prezz tas-suq ta' l-assi għal EUR 10.7 m. Il-kumpannija(kumpanniji) li hija/huma proprjetà tal-Grupp Lone Star jidher li qed topera/joperaw taħt l-isem Biria GmbH.

(17) Skond it-tagħrif mibgħut mill-Ġermanja, il-bejgħ sar permezz ta' sejħa għal offerta miftuħa, trasparenti u mingħajr kundizzjonijiet. Is-sejħa għall-offerti kienet ippubblikata fuq l-internet u f'diversi mezzi ta' l-istampa. L-involviment ta' investitur ġdid jista' jkun f'sura ta' ftehim fuq l-assi, ftehim fuq l-assi "en bloc" jew ftehim fuq l-ishma. Ultimament, il-Grupp Lone Star ħa l-assi f'idejh permezz ta' ftehim fuq l-assi.

(18) Skond il-Ġermanja l-isforzi biex il-kumpannija tinbiegħ kienu diġà bdew qabel ma l-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali fl-20 ta' Ottubru 2005. L-ewwel offerti kellhom jintefgħu qabel l-4 ta' Ottubru 2005.

### 2.2. **Il-miżuri finanzjarji**

(19) Miżura 1: F'Marzu 2001 gbb Beteiligungs-AG ("gbb"), kumpannija sussidjarja ta' Deutsche Ausgleichsbank, bank statali ta' l-iżvilupp, ipprovdiet sehem passiv ("stille Einlage") sa l-aħħar ta' l-2010 lil Bike Systems għall-ammont ta' EUR 2 070 732. Skond il-Ġermanja, issehem ingħata taħt il-kundizzjonijiet tas-suq u għalhekk ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(20) Miżura 2: F'Marzu 2003 l-Istat Ħieles ta' Sachsen ipprovda – oriġinarjament sa l-aħħar ta' l-2008 – garanzija ta' 80 % għal kreditu operattiv ta' EUR 5.6 m lil Sachsen Zweirad GmbH. Il-garanzija ngħatat lura f'Jannar 2004 u kienet sostitwita b'garanzija lil Biria GmbH (ara Miżura 3). Il-garanzija ngħatat taħt l-iskema ta' garanziji għal Sachsen, skema ta' għajnuna approvata mill-Kummissjoni. ([3])

(21) Miżura 3: Fid-9 ta' Diċembru 2003 l-Istat Ħieles ta' Sachsen ta 80 % garanzija għal kreditu operattiv ta' EUR 24.875 m lil Biria GmbH (issa Biria AG) biex tiġi ffinanzjata ż-żieda ppjanata fil-fatturat u r-ristrutturar tal-pjan ta' finanzjament tal-grupp. Il-kreditu jikkonsisti f'EUR 8 m għall-ħlas lura ta' self għal kapital li jiċċirkola, EUR 7.45 m bħala self bil-quddiem fuq kont kurrenti ("Kontokorrentkredit") u EUR 9.425 m għal ħtiġiet ta' finanzjament staġjonali ("Saisonfinanzierungslinie"). Il-garanzija ngħatat taħt l-iskema ta' garanziji għal Sachsen, skema ta' għajnuna approvata mill-Kummissjoni. Ingħatat b'kundizzjoni li l-garanzija għal Sachsen Zweirad GmbH (Miżura 2) tintradd lura. Għalhekk daħlet fis-seħħ biss fil-5 ta' Jannar 2004 ħekk kif il-garanzija ta' Sachsen Zweirad intraddet lura.

## III RAĠUNIJIET LI GĦALIHOM INBDIET IL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

(22) Il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali għaliex kellha dubji dwar jekk is-sehem passiv kienx ġie pprovdut skond il-kundizzjonijiet tas-suq kif sostniet il-Ġermanja. Fil-fehma tagħha, Bike Systems kienet għadha kemm toħroġ minn stat ta' falliment permezz ta' l-adozzjoni ta' pjan ta' falliment u għaldaqstant il-prospetti tagħha għall-ġejjieni kienu inċerti. Għalhekk f'dak iż-żmien kien messha tqieset bħala kumpannija f'diffikultajiet. Il-Kummissjoni kellha d-dubji tagħha dwar jekk ir-remunerazzjoni kenitx waħda xierqa meta qieset ir-riskju u dwar jekk is-sehem passiv kienx ingħata skond il-kundizzjonijiet tas-suq. Fir-rigward tal-possibbiltà ta' eżenzjonijiet taħt l-Artikolu 87(2) u (3) tat-Trattat tal-KE, il-Kummissjoni ma kellhiex tagħrif dwar jekk il-kundizzjonijiet stipulati fil-Linji ta' Gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà ([4]) ("Linji ta' Gwida Komunitarji") kinux ġew issodisfati.

(23) Raġuni oħra li għaliha nbdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali kienet li l-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni proviżorja li l-kundizzjonijiet ta' l-iskema ta' għajnuna approvata li taħtha kienu allegatament ingħataw il-garanziji lil Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH ma kinux issodisfati u li l-garanziji għalhekk ma kinux koperti mill-iskema ta' għajnuna. Il-Kummissjoni dehrilha li Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kienu kumpanniji f'diffikultà fi żmien l-għoti tal-garanziji. Barra minn hekk, billi Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kienu impriżi kbar, il-garanziji kienu jkunu oġġett ta' notifika lill-Kummissjoni fuq bażi individwali taħt l-iskema ta' għajnuna. Fir-rigward tal-possibbiltà ta' eżenzjonijiet taħt l-Artikolu 87(2) u (3) tat-Trattat tal-KE, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk il-kundizzjonijiet tal-Linji ta' Gwida Komunitarji kinux issodisfati.

## IV KUMMENTI MINN TERZI INTERESSATI

(24) Il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti mingħand parti terza li xtaqet tibqa' anonima, mingħand Prophete GmbH & Co. KG u Pantherwerke AG, u mingħand Vaterland-Werke GmbH & Co. KG.

### 4.1. Kummenti minn kompetitur li xtaq jibqa' anonimu

(25) Fil-kummenti tiegħu dwar il-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-kompetitur li xtaq jibqa' anonimu jargumenta li, minħabba l-garanzija mill-istat ta' EUR 24.5 m, Biria AG setgħet tbiegħ ir-roti lill-klijenti tal-kompetitur bi prezzijiet inferjuri għall-prezz tal-produzzjoni u dan minkejja li l-kompetitur huwa sid is-sit ta' produzzjoni l-aktar effikaċi fin-nefqa tal-Ġermanja.

(26) Il-kompetitur jisħaq li fl-2003, Bria AG setgħet turi profitt biss minħabba maħfra ta' pretenzjonijiet mill-banek li kienu jammontaw għal EUR 8.567 m. Fl-2004 u l-2005 Biria AG reġgħet irreġistrat telf.

(27) Il-kompetitur jinnota wkoll li Biria kienet inbiegħet lill-Grupp Lone Star permezz ta' ftehim fuq l-assi. Skond dan il-kompetitur, Sachsen-LB u l-Mittelständische Beteiligungsgesellschaft probabbilment kienu ħafru ammonti kbar ta' pretenzjonijiet. Il-kumpannija l-ġdida Biria GmbH, li hija proprjetà tal-Grupp Lone Star, ħadet f'idejha l-assi kollha mingħand Biria AG kif kienet.

### 4.2. Kummenti minn Prophete GmbH & Co. KG u Pantherwerke AG

(28) Fil-kummenti tagħhom dwar il-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, Prophete GmbH & Co. KG u Pantherwerke AG ("Prophete u Pantherwerke") jallegaw li, minħabba l-għajnuna mill-istat, Biria tista' toffri l-prodotti tagħha għal prezzijiet li ma setgħetx iżżomm taħt kundizzjonijiet tas-suq normali. Iż-żewġ kumpanniji huma kompetituri ta' Biria u t-tnejn għalhekk huma milquta direttament mill-għajnuna.

([3]) N 73/1993 Skema ta' Garanziji għall-Istat Ħieles ta' Sachsen (SEC(93) D/9273) tas-7 ta' Ġunju 1993.
([4]) ĠU C 288, 9.10.1999, p. 2.

(29) Il-Grupp Biria huwa l-akbar produttur tar-roti fil-Ġermanja bi produzzjoni annwali ta' madwar 700,000 rota. Il-kumpanniji fil-grupp huma attivi fiż-żewġ segmentazzjonijiet tas-suq tar-roti, jiġifieri l-kummerċ speċjalizzat u dak li mhux.

(30) Is-segment tal-kummerċ mhux speċjalizzat jikkonċerna l-bejgħ bl-imnut kollu mill-grupp tal-bejjiegħa kbar bl-imnut u l-bejgħ bil-katalgi. Il-prezz tar-roti f'dan is-segment huwa bejn il-EUR 100 u l-EUR 199. Prophete u Pantherwerke jistmaw li d-daqs tas-suq huwa madwar 1.5 m rota u li, b'bejgħ ta' 650,000 rota, sehem il-Grupp Biria mis-suq f'dan is-segment huwa ta' madwar 50 %.

(31) Skond Prophete u Pantherwerke, il-Grupp Biria jgawdi wkoll pożizzjoni dominanti fis-segment tan-negozju speċjalizzat. Id-daqs tas-suq huwa bejn il-150,000 u l-200,000 rota bi prezz sa EUR 400. Pantherwerke hija kompetitur dirett ta' Biria f'dan is-segment.

(32) Għal diversi snin Prophete u Pantherwerke sostnew li l-prezzijiet offruti mill-Grupp Biria huma invarjabbilment aktar baxxi minn dawk offruti minn produtturi oħrajn. Din id-differenza ma tistax titfisser permezz ta' fatturi ekonomiċi għaliex, għalkemm il-Grupp Biria għandu volum ta' xiri akbar minħabba l-pożizzjoni dominanti fis-suq li huwa jgawdi, dan mhux rifless f'kundizzjonijiet aktar vantaġġjużi. Prophete u Pantherwerke jistmaw li, minħabba l-prezzijiet baxxi li joffri, il-Grupp Biria ġarrab telf sinifikanti matul dawn l-aħħar snin.

(33) Rigward is-sehem passiv, Prophete u Pantherwerke kellhom id-dubji dwar kif, is-sitwazzjoni ekonomika ta' Bike Systems kif kienet f'Marzu 2001, investitur privat seta' jikseb sehem passiv bħal dan.

(34) Rigward iż-żewġ garanziji għal Sachsen Zweirad GmbH u Biria fl-2003 u l-2004, Prophete u Pantherwerke jikkunsidrawhom bħala inkompatibbli mar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat. Huma jsostnu l-fehma li l-kumpanniji kienu f'diffikultà fiż-żmien meta l-garanziji kienu ġew offruti. Huma jargumentaw li l-kumpannija l-ġdida Biria għandha tkun ikkunsidrata bħala suċċessur legali taż-żewġ kumpanniji ta' qabel li ħarġet minnhom. Fl-opinjoni tagħhom, il-bilanċ tal-ftuħ tal-kumpannija l-ġdida mhux wieħed rappreżentattiv.

(35) Jisħqu li ż-żewġ garanziji jiksru l-prinċipju ta' "għajnuna unika" għaliex l-attivitajiet ekonomiċi tal-kumpanniji li jiffurmaw il-Grupp Biria setgħu jżommu fil-wiċċ biss b'appoġġ kontinwu mill-istat.

(36) Ma kienu ttieħdu l-ebda miżuri kompensatorji biex ikunu kkumpensati l-effetti negattivi fuq il-kompetituri. Anqas ma kienet ġiet imposta xi restrizzjoni fuq il-preżenza fis-suq tal-Grupp Biria. Minflok, il-pjan tal-Grupp Biria huwa li dan ikabbar l-attivitajiet tiegħu aktar milli huma permezz ta' politika agressiva ta' pprezzar. Fuq il-ħowmpejġ tagħha Biria ħabbret bejgħ ippjanat ta' 850,000 rota fl-2005, u dan jimplika żieda ulterjuri fil-bejgħ meta mqabbel ma' l-2004. Prophete u Pantherwerke jenfasizzaw ukoll li, skond stqarrija għall-istampa, sid Biria AG kien biegħ in-negozju lill-Grupp Lone Star, fond ta' investiment privat.

### 4.3. **Kummenti minn Vaterland-Werke GmbH & Co. KG**

(37) Fil-kummenti tagħha dwar il-proċedura investigattiva formali, Vaterland-Werke GmbH & Co. KG (Vaterland-Werke) tisħaq li, bi produzzjoni totali ta' bejn is-700,000 u 800,000 rota, il-Grupp Biria hija l-ikbar manifattur tar-roti fil-Ġermanja. L-unika kumpannija li tħabbatha magħha hija MIFA Mitteldeutsche Fahrradwerke bi produzzjoni annwali ta' madwar 700,000 rota. Kompetituri oħra jipproduċu biss bejn il-250,00 u l-400,000 rota fis-sena.

(38) Vaterland-Werke u Biria t-tnejn huma attivi fil-kummerċ mhux speċjalizzat, li jinkludi bejgħ minn gruppi ta' bejjiegħa bl-imnut u l-bejgħ bil-katalgi minn kumpanniji kbar li jbiegħu bl-ordnijiet bil-posta. Teżisti kompetizzjoni feroċi fis-suq u Biria hija magħrufa bħala kompetitur aggressiv li tbiegħ bi prezzijiet inferjuri għall-prezz tal-produzzjoni. Dan l-atteġġjament huwa possibbli biss għaliex jeżistu sorsi esterni ta' finanzjament jiġifieri fil-każ ta' Biria għaliex din tirċievi għajnuna mill-istat. Din is-sitwazzjoni thedded l-eżistenza tal-kompetituri ż-żgħar kollha li ma jirċivux għajnuna mill-istat. Vaterland-Werke hija effettwata b'mod partikolari u l-kapaċitajiet ħielsa ma jistgħux jimtlew b'ordnijiet tax-xogħol alternattivi. Il-kumpannija tikkonkludi li, f'suq fejn jeżisti eċċess ta' kapaċità, kwalunkwe estenzjoni ta' kapaċità li jidħol għaliha l-produttur bl-għajnuna mill-istat timponi piż fuq il-kompetituri l-oħrajn.

(39) Rigward is-sehem passiv, Vaterland-Werke kellha d-dubji dwar kif, is-sitwazzjoni ekonomika ta' Bike Systems kif kienet f'Marzu 2001, investitur privat seta' jikseb sehem bħal dan.

(40) Rigward iż-żewġ garanziji għal Sachsen Zweirad GmbH u Biria fl-2003 u l-2004, Vaterland-Werke tikkunsidrahom bħala inkompatibbli mar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat. Hija ssostni l-fehma li l-kumpanniji kienu f'diffikultà fiż-żmien meta l-garanziji kienu ġew offruti. Hija targumenta li l-kumpannija l-ġdida Biria għandha tkun ikkunsidrata bħala suċċessur legali taż-żewġ kumpanniji ta' qabel li ħarġet minnhom. Fl-opinjoni tagħha, il-bilanċ tal-ftuħ tal-kumpannija l-ġdida mhux wieħed rappreżentattiv.

(41) Jisħqu li ż-żewġ garanziji jiksru l-prinċipju ta' "għajnuna unika" għaliex l-attivitajiet ekonomiċi tal-kumpanniji li jiffurmaw il-Grupp Biria setgħu jżommu fil-wiċċ biss b'appoġġ kontinwu mill-istat.

(42) Ma kienu ttieħdu l-ebda miżuri kompensatorji biex ikunu kkumpensati l-effetti negattivi fuq il-kompetituri. Anqas ma kienet ġiet imposta xi restrizzjoni fuq il-preżenza fis-suq tal-Grupp Biria. Minflok, il-pjan tal-Grupp Biria huwa li dan ikabbar l-attivitajiet tiegħu aktar milli huma permezz ta' politika agressiva ta' pprezzar. Fuq il-ħowmpejġ tagħha Biria ħabbret bejgħ ippjanat ta' 850,000 rota fl-2005, u dan jimplika żieda ulterjuri fil-bejgħ meta mqabbel ma' l-2004. Vaterland-Werke tfakkar wkoll li, skond stqarrija għall-istampa, sid Biria AG kien biegħ innegozju lill-Grupp Lone Star, fond ta' investiment privat.

## V. **KUMMENTI MILL-ĠERMANJA**

(43) Fil-kummenti tagħha dwar il-bidu tal-proċedura investigattiva formali, il-Ġermanja targumenta li s-sehem passiv minn gbb kien ingħata b'kundizzjonijiet tas-suq. Hi taqbel mal-Kummissjoni li r-riskju marbut ma' sehem passiv huwa akbar minn dak marbut ma' self tradizzjonali mill-bank. Madankollu, targumenta li l-kundizzjonijiet tas-sehem passiv jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu ta' kif jiġu ffissati r-rati ta' referenza u skontijiet ([5]). Skond din il-Komunikazzjoni, ir-rata ta' referenza hija r-rata minima li tista' tiżdied f'sitwazzjonijiet li jinvolvu riskju partikolari. F'każi bħal dawn, il-*premium* jista' jitla' għal 400 punt bażiku jew aktar.

(44) Il-Ġermanja tisħaq li r-remunerazzjoni għas-sehem passiv tammonta għal 12.25 % (8.75 % fissi u 3.5 % skond kif imorru l-profitti). Ir-remunerazzjoni hija għalhekk 600 punt bażi ogħla mir-rata ta' referenza ta' 6.33 % tal-Kummissjoni. Gbb għalhekk qieset il-fatt li l-kumpannija kienet għaddejja minn żmien ta' ristrutturar u li r-riskju marbut għas-sehem passiv kien għaldaqstant ogħla bħala riżultat tar-riorganizzazzjoni tal-kumpannija u n-nuqqas ta' sigurtà fuq self. Dan ir-riskju miżjud huwa rifless fil-*premium* addizzjonali ta' 200 punt bażi.

(45) Barra minn hekk, il-Ġermanja targumenta li d-deċiżjoni biex jingħata s-sehem passiv ittieħdet fuq il-bażi ta' tbassir li kien jindika żieda fil-fatturat tal-kumpannija minn EUR 0.89 m fl-2001 għal EUR 3.38 m fl-2003. Għalhekk tikkonkludi li r-remunerazzjoni miftiehma għas-sehem passiv ta' 12.25 % kienet riflessjoni xierqa tar-riskju assoċjat. Fil-fehma tagħha, il-fatt li parti mir-remunerazzjoni hija varjabbli huwa irrilevanti minħabba li dan huwa fattur komuni fil-każ ta' l-ishma passivi u jikkorrispondi ma' l-imġiba ta' investitur f'ekonomija tas-suq.

(46) Rigward il-garanzija għal Sachsen Zweirad GmbH, il-Ġermanja targumenta li l-kumpannija ma kenitx tinsab f'diffikultajiet fiż-żmien meta ngħatat il-garanzija u li l-kumpannija ma kienet turi ebda sinjal tipiku ta' kumpannija li kienet tinsab f'diffikultajiet kif definit mil-Linji ta' Gwida Komunitarji. Fost ħwejjeġ oħra, il-kumpannija kellha kapital proprju pożittiv ta' EUR 404 m fl-2003 (sakemm seħħet l-inkorporazzjoni ma' Biria f'Ottubru 2003) u ġġenerat profitt ta' EUR 2.1 m. Fl-2003 s-sitwazzjoni ekonomika tagħha kienet tjiebet meta mqabbla ma' l-2001/2002 grazzi għall-isforzi ta' konsolidazzjoni mnedija fl-aħħar ta' l-2002 u għal sitwazzjoni aħjar fis-suq.

(47) Il-Ġermanja tfakkar li, għalkemm is-sitwazzjoni ta' likwidità tal-kumpannija kienet differenti, din ma kenitx waħda "serja". Ma kien hemm ebda periklu li l-banek privati ma kinux se jestendu l-linji ta' kreditu tagħhom. Barra dan, il-pagamenti ta' interess għoli ma kinux se jwasslu għal problemi ta' likwidità kif sostniet il-Kummissjoni.

(48) Rigward il-garanzija għal Biria GmbH (illum Biria AG), il-Ġermanja tfakkar li l-bażi għal din il-garanzija kienet il-pjan ġdid tal-Grupp Biria biex ikun hemm razzjonalizzazzjoni ta' l-organizzazzjoni tagħha u jkun hemm konċentralizzar ta' l-akkwisti, ir-responsabbiltajiet tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni f'Biria GmbH. Minbarra l-finanzjament meħtieġ għat-tkabbir tal-fatturat, il-pjan kien jinkludi wkoll riorganizzazzjoni tal-grupp kollu.

(49) Il-Ġermanja ssostni li Biria GmbH (illum Biria AG) ma kenitx tinsab f'diffikultajiet fiż-żmien meta ngħatat il-garanzija. Fil-fehma tagħha, għandha tintgħamel distinzjoni bejn Biria AG kif kienet qabel u Biria AG l-ġdida. Il-ġdida tista' titqies f'diffikultajiet biss kieku wirtet id-diffikultajiet tal-kumpannija l-qadima (f'każ li dawn kienu jeżistu). Dan, madankollu, mhux il-każ fir-rigward ta' Biria AG l-ġdida, li nħolqot mill-inkorporazzjoni ta' Sachsen Zweirad GmbH u Biria kif kienet qabel. Sachsen Zweirad AG, li ma kenitx tinsab f'diffikultajiet, ekonomikament iddominat l-inkorporazzjoni. Għalhekk wieħed ma jistax jassumi b'mod awtomatiku li Biria AG l-ġdida kellha tkun f'diffikultajiet. Ukoll jekk Biria AG kif kienet kellha xi diffikultajiet, l-inkorporazzjoni ma' Sachsen Zweirad GmbH kienet tfisser li Biria AG l-ġdida ma kenitx issib ruħha f'diffikultajiet b'mod awtomatiku.

(50) Il-Ġermanja fissret ukoll li l-irtirar ta' wieħed mill-banek privati mill-operazzjoni ta' finanzjament kien minħabba riorjentazzjoni ta' l-istrateġija tal-bank wara inkorporazzjoni. Iż-żewġ banek l-oħra temmew l-involviment tagħhom fl-istess żmien ta' dan il-bank privat. Dan, madankollu, ma jistax jitqies bħala sinjal ta' nuqqas ta' fiduċja għaliex wieħed mill-banek baqa' jipprovdi finanzjament għal żewġ proġetti separati.

([5]) ĠU C 273, 9.9.1997, p. 3.

(51) Il-Ġermanja tfakkar li l-inkorporazzjoni ta' Sachsen Zweirad GmbH u Biria AG ma kenitx imfassla biex jaħarbu mir-regoli ta' l-għajnuna mill-istat u l-klassifikazzjoni tal-kumpannija bħala waħda f'diffikultajiet imma kienet il-konsegwenza ta' pjan ġdid għall-grupp.

(52) Bi tweġiba għall-kummenti ta' kompetitur li xtaq jibqa' anonimu, il-Ġermanja targumenta li ċ-ċifri dwar l-istruttura ta' l-ispejjeż tal-kompetitur u Biria mhumiex komparabbli. Il-fatturat tal-kompetitur kiber filwaqt li l-bejgħ tal-Grupp Biria naqas. Matul l-istess żmien, l-EBITDA (il-marġni tad-Dħul qabel l-Interess, it-Taxxi, id-Diprezzament u l-Amortizzar) tal-kompetitur waqa' filwaqt li dak tal-Grupp Biria baqa' l-istess. Dan juri li Biria ma tbiegħx bi prezzijiet tad-*dumping* u li l-kompetitur kien jipprattika politika aktar agressiva minn dik tal-Grupp Biria.

(53) Il-Ġermanja targumenta li l-fatti ma jixhdux l-iżvantaġġi ekonomiċi li apparentement bata l-kompetitur minħabba l-imġiba tal-Grupp Biria u anqas mhuma ppreżentati b'mod koerenti. Tfakkar wkoll li huwa normali f'suq kompetittiv għal kumpannija li l-kompetitur tagħha jwaqqa' l-prezzijiet.

(54) Rigward il-bejgħ ta' l-assi tal-Grupp Biria lill-Grupp Lone Star, imsemmi mill-kompetitur, il-Ġermanja pprovdiet dettalji dwar dan il-bejgħ kif ukoll il-ħlas lura ta' pretenzjonijiet privati u pubbliċi.

(55) Fi tweġiba għall-kummenti li għamlu Prophete u Pantherwerke u Vaterland-Werke, il-Ġermanja tfakkar li s-suq tar-roti huwa maqsum fi tliet segmenti, u mhux tnejn kif sostnut minn dawn il-kumpanniji. It-tliet segmenti huma kummerċ speċjalizzat, bejgħ bil-katalgu u bl-ordnijiet bil-posta u bejgħ minn ħwienet *self service*. Biria tokkupa pożizzjoni b'saħħitha fis-segment ta' bejgħ bl-ordnijiet bil-posta dovut anqas għal ipprezzar agressiv milli għal fornimenti f'waqthom, filwaqt li fis-segment ta' bejgħ minn ħwienet awtoservizz il-fornitur prinċipali huwa MIF AG mentri Biria għandha anqas minn 10 % tas-suq.

(56) Il-Ġermanja tiċħad l-asserzjoni ta' Vaterland-Werke li l-Grupp Biria kien ippjana li jespandi l-attivitajiet tiegħu ulterjorment permezz ta' politika agressiva ta' pprezzar u tagħmel referenzi għal tagħrif diġà sottomess fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni. Hija tfakkar li Biria AG pproduċiet 670,000 rota fl-2003 u li minn dak iż-żmien 'il hawn il-produzzjoni bdiet u għadha tonqos.

## VI **VALUTAZZJONI**

### 6.1. **L-impriza benefiċjarja**

(57) L-għajnuna ngħatat lil Sachsen Zweirad GmbH u lil Biria GmbH (illum Biria AG) kif ukoll lil Bike Systems, sussidjarja ta' Biria GmbH. Fis-7 ta' Novembru 2005 Biria AG biegħet il-parti l-kbira mill-assi tagħha lil żewġ kumpanniji fil-Grupp Lone Star, fond ta' investiment privat. Il-Kummissjoni tinnota li, fuq il-bażi tat-tagħrif mogħti, l-assi kienu nbiegħu wara sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti u mingħajr kundizzjonijiet. Skond il-Ġermanja, l-opinjoni ta' l-esperti wasslet biex il-prezz tal-bejgħ ta' l-assi jiġi ffissat għal EUR 10.7 m. Il-prezz imħallas mill-Grupp Lone Star (EUR 11.5 m) kien għalhekk aktar mill-prezz stmat.

(58) Fuq il-bażi tat-tagħrif li kellha, il-Kummissjoni għaldaqstant waslet għall-konklużjoni li mhemmx provi li tissuġġerixxi li akkumula xi żvantaġġ għall-Grupp Lone Star bħala riżultat ta' l-għajnuna jew li l-Grupp Lone Star kien għalhekk benefiċjarju dirett jew indirett ta' l-għajnuna mill-istat mogħtija lil Biria GmbH (illum Biria AG) u lil Bike Systems.

### 6.2. **Miżura li suppost ingħatat skond il-kundizzjonijiet tas-suq**

(59) Skond il-Ġermanja, is-sehem passiv tal-ggb f'Bike Systems (Miżura 1) ingħata skond il-kundizzjonijiet tas-suq. F'termini ta' riskju, sehem passiv jitqabbel ma' self subordinat u għandu għalhekk ikun ittrattat bħala self ta' riskju għoli. F'każ ta' falliment jew likwidazzjoni, is-sehem passiv jitħallas lura biss wara li jkunu ġew onorati l-obbligazzjonijiet l-oħrajn kollha. Ir-riskju assoċjat massehem passiv għalhekk jaqbeż lil dak assoċjat ma' self bankarju tradizzjonali għall-investiment, li normalment huwa garantit bil-kundizzjonijiet meħtieġa mill-bank u riflessi fir-rata ta' referenza tal-Kummissjoni. Ir-remunerazzjoni li trid titħallas għal dan is-sehem passiv għandu għaldaqstant jaqbeż ir-rata ta' referenza b'mod sinifikanti.

(60) Ir-rata ta' referenza tal-Kummissjoni dak iż-żmien kienet 6.33 %. Is-sehem passiv ingħata b'renumerazzjoni fissa ta' 8.75 % flimkien ma' renumerazzjoni varjabbli ta' 3.5 %, jiddependi mill-profitti ġġenerati. Ir-remunerazzjoni miftiehma hija għalhekk ogħla mir-rata ta' referenza tal-Kummissjoni.

(61) Madankollu, Bike Systems kienet għadha kemm ħarġet mill-falliment permezz ta' l-adozzjoni ta' pjan ta' falliment. Il-prospetti tagħha għall-ġejjieni kienu inċerti għaliex kien sar biss ristrutturar operattiv limitat. Skond ir-rapport annwali tal-kumpannija ta' l-2001, dik is-sena l-kumpannija kienet għadha tirreġistra telf. Il-kapital tagħha kien għadu negattiv għalkemm, grazzi għal riżervi moħbija, dan ma kkawżax falliment. Bike Systems trid, għaldaqstant, titqies bħala kumpannija li f'dak iż-żmien kienet f'diffikultajiet.

(62) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni jidhrilha li r-remunerazzjoni ma kenitx proporzjonali għar-riskju u li s-sehem passiv maj kienx ingħata skond il-kundizzjonijiet tas-suq. Għalhekk is-sehem passiv attribwixxa lil Bike Systems vantaġġ li l-kumpannija ma kenitx tikseb fis-suq.

### 6.3. **Għajnuna li suppost koperta mill-iskemi ta' għajnuna approvati**

(63) Il-garanzija lil Sachsen Zweirad GmbH għal kreditu operattiv ta' EUR 5.6 %m (Miżura 2) u l-garanzija lil Biria GmbH (illum Biria AG) għal kreditu operattiv ta' EUR 24.875 m (Miżura 3) ingħataw taħt skema ta' granziji fuq is-self f'Sachsen. Din l-iskema approvata tippermetti garanziji għal self ta' aktar minn DEM 5 m (EUR 2.6 m) lil kumanniji b'saħħithom għall-finanzjament ta' investimenti ġodda u, f'każi speċjali, għal finanzjament supplimentari ta' investiment u kapital li jiċċirkola. F'każi eċċezzjonali, l-iskema tippermetti wkoll il-finanzjament ta' miżuri għall-konsolidazzjoni u r-ristrutturar. L-għoti ta' garanziji għar-ristrutturar ta' impriża kbira jrid, madankollu, ikun notifikat lill-Kummissjoni f'kull każ individwali.

(64) Skond il-Ġermanja, il-kundizzjonijiet ta' l-iskema kienu ġew issodisfati u l-garanziji għalhekk jikkonformaw ma' l-iskema. Il-Ġermanja hija tal-fehma li Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH (illum Biria AG) ma kinux jinsabu f'diffikultajiet fiż-żmien meta kienu ngħataw il-garanziji bħala sigurtà għas-self ta' kapital li jiċċirkola, ħaġa li tista' ssir taħt l-iskema ta' għajnuna.

(65) Il-Kummissjoni ma taqbilx li l-garanziji huma kompatibbli ma' l-iskema ta' għajnuna li taħtha kienu allegatament mogħtija. Kif se jitfisser aktar fid-dettal hawn isfel, il-Kummissjoni, mhux bħall-Ġermanja, jidhrilha li Sachsen Zweirad GmbH kienet kumpannija f'diffikultajiet fiż-żmien meta kienet ngħatat garanzija f'Marzu 2003 u li, meta kien imiss lilha, Bira GmbH ukoll kienet kumpannija f'diffikultajiet fiż-żmien meta ngħatat garanzija f'Diċembru 2003. L-għoti ta' garanziji għar-ristrutturar ta' kumpannija f'diffikultajiet trid, madankollu, tkun notifikat lill-Kummissjoni f'kull każ individwali.

*Garanzija għal Sachsen Zweirad GmbH (Miżura 2)*

(66) Il-Ġermanja targumenta li Sachsen Zweirad GmbH ma kienet uriet ebda sinjal tipiku ta' kumpannija f'diffikultajiet fl-ambitu tat-tifsira tal-Linji ta' Gwida Komunitarji ([6]). Il-Kummissjoni tfakkar li s-sinjali tipiċi ta' ditta li tkun tinsab f'diffikultajiet, li huma msemmija fil-punt 6 tal-Linji ta' Gwida Komunitarji, jagħtu biss indikazzjoni ta' meta kumpannija tista' titqies li tkun qiegħda f'diffikultajiet u m'għandhomx għalfejn ikunu ssodisfati b'mod kumulattiv. Sachsen Zweirad GmbH irreġistrat telf operattiv ta' EUR 1.274 m fl-2001 u EUR 0.733 m fl-2002. It-telf intiret mill-kumpannija prinċipali Biria taħt il-ftehim ta' trasferiment ta' profitti u telf. Fl-2002, imqabbel ma' l-2001, il-fatturat naqas.

(67) Skond ir-rapport annwali ta' l-2002, Sachsen Zweirad GmbH kellha wkoll tħabbat wiċċha ma' problemi ta' likwidità. Fir-rapport annwali hemm stipulat b'mod espliċitu li s-sitwazzjoni tagħha ta' likwidità kienet ristretta minħabba nfiq għoli għall-prefinanzjament ta' l-inventarju tal-grupp u minħabba t-tkabbir tal-grupp u li s-sopravvivenza ta' l-impriza setgħet tkun assigurata biss jekk il-banek kienu lesti li jżommu miftuħa l-linji ta' kreditu eżistenti jew li jistrutturawhom.

(68) Il-Ġermanja targumenta li qatt ma kien hemm periklu li l-banek ma kinux se jestendu l-linji ta' kreditu tagħhom. Madankollu, dan ma jirrendix invalidu l-fatt li s-sitwazzjoni ta' likwidità tal-kumpannija kienet ristretta. Skond ir-rapport annwali, maġġoranza kbira tal-krediti kien fadlilhom perjodu ta' anqas minn ħames snin biex jimmaturaw, li bl-ebda mod mhuwa tul ta' żmien mill-aħjar għall-finanzjament ta' attivitajiet ta' negozju u dan kien iżid ir-riskji li l-kumpannija kienet qed tħabbat wiċċha magħhom. Il-fatt li l-krediti kienu ta' natura ta' terminu qasir ukoll wassal għall-ħlas ta' imgħax għoli (minkejja li dan kien kemmkemm inqas fl-2002 meta mqabbel ma' l-2001), u dan tefa' aktar piż fuq il-likwidità tal-kumpannija.

(69) Il-Kummissjoni għalhekk waslet għall-konklużjoni li Sachsen Zweirad GmbH għandha titqies bħala kumpannija f'diffikultajiet fiż-żmien meta kienet ingħatat il-garanzija u li l-garanzija kellha għaldaqstant titqies bħala garanzija għar-ristrutturar. Billi l-għoti ta' garanzija ta' dan it-tip lil impriża kbira kellha tkun notifikata individwalment lill-Kummissjoni, il-kundizzjonijiet ta' l-iskema approvata ta' għajnuna li taħtha kienet allegatament ingħatat il-garanzija ma kinux issodisfati u l-garanzija ma kenitx koperta mill-iskema ta' għajnuna.

*Garanzija għal Biria GmbH (Miżura 3)*

(70) Biria GmbH (illum Biria AG) twaqqfet b'effett mill-1 ta' Ottubru 2003 permezz ta' amalgamazzjoni ta' Biria AG kif kienet qabel mas-sussidjarja tagħha Sachsen Zweirad GmbH.

([6]) Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

(71) Skond il-Ġermanja, Biria GmbH (illum Biria AG) għandha tiddistingwi ruħha b'mod ċar mill-predeċessuri tagħha Biria AG kif kienet qabel u Sachsen Zweirad GmbH peress li, bħala riżultat ta' l-amalgamazzjoni, kienet ġiet iffurmata kumpannija ġdida. Il-valutazzjoni dwar jekk din il-kumpannija kenitx tinsab f'diffikultajiet meta ngħatat il-garanzija fid-9 ta' Diċembru 2004 għandha għalhekk tkun ibbażata fuq il-karta tal-bilanċ tal-ftuħ tal-kumpannija li kienet għadha kemm ġiet inkorporata, li, skond il-Ġermanja, turi li Biria GmbH ma tikkwalifikax bħala kumpannija f'diffikultajiet.

(72) Il-Kummissjoni ma taqbilx. L-impriża l-ġdida Biria GmbH kif amalgamata ma tistax titqies separatament minn Biria AG kif kienet qabel u Sachsen Zweirad GmbH għaliex din l-impriża nħalqet permezz ta' amalgamazzjoni taż-żewġ kumpanniji. Inkella, l-evażjoni mill-ikklassifikar bħala kumpannija f'diffikultajiet tkun faċli bl-amalgamazzjoni ta' entitajiet ekonomiċi jew il-ħolqien ta' kumpanniji ġodda. Biria AG kif kienet irreġistrat it-telf u fl-2002 ħabbtet wiċċha ma' problemi ta' likwidità kif għamlet Sachsen Zweirad GmbH. Biria GmbH wirtet id-djun u l-obbligazzjonijiet kollha ta' Biria AG kif kienet u ta' Sachsen Zweirad GmbH. Hija għandha wkoll l-istess assi u teżegwixxi l-istess attivitajiet ta' Biria AG kif kienet u ta' Sachsen Zweirad AG. Għaldaqstant il-Kummissjoni jidhrilha li Biria GmbH wirtet id-diffikultajiet ta' Biria AG kif kienet u ta' Sachsen Zweirad AG.

(73) Il-Ġermanja ssostni li Sachsen Zweirad GmbH ekonomikament iddominat l-amalgamazzjoni u ma kenitx tinsab f'diffikultajiet, imma minn dan ma joħroġx b'mod awtomatiku li l-impriża l-ġdida Biria GmbH kienet sabet ruħha f'diffikultajiet. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Ġermanja, il-Kummissjoni hija tal-fehma b'mod l-aktar ċert li Sachsen Zweirad GmbH kienet kumpannija li kellha d-diffikultajiet. Konsegwentement, l-impriża l-ġdida Biria GmbH "wirtet" ukoll id-diffikultajiet ta' Sachsen Zweirad GmbH.

(74) Barra minn hekk, skond ir-rapport annwali tiegħu ta' l-2003, il-Grupp Biria kompla jirristruttura u jorganizza – ħidma li kien beda fl-2002 u li kien jinkludi riformulazzjoni tal-finanzjament. Fuq il-bażi tal-garanzija mogħtija mill-Istat Ħieles ta' Sachsen għas-self ta' EUR 24.875 m, il-Grupp Biria fassal pjan ġdid għall-finanzjament ta' l-attivitajiet tiegħu fuq medda medja ta' żmien li kien jinkludi aġġustament sinifikanti ta' rati ta' imgħax u għalhekk tnaqqis fil-piż ta' l-imgħax għoli.

(75) Fl-istess żmien, ġie riorganizzat il-grupp ta' banek: tliet banek fiehmu li jirrinunzjaw pretenzjonijiet li kienu jlaħħqu EUR 8.567 m, ammont li jidher li kien jirrappreżenta ħafna aktar minn 50 % tal-pretenzjonijiet tagħhom; bi tpattija, kellhom jirċievu fidi immedjat tal-krediti li kien fadal. Konsegwentement, is-self kopert minn 80 % garanzija taħt Miżura 3 jikkonsisti minn EUR 8 m biex jitħallsu lura self għal kapital li jiċċirkola, EUR 7.450 m f'forma ta' ħlas bil-quddiem fuq kont kurrenti u EUR 9.425 m ħtiġiet ta' finanzjament staġjonali.

(76) Biria GmbH (illum Biria AG) għalhekk ħabbtet wiċċha ma' problemi serji ta' likwidità fiż-żmien meta kienet ingħatat il-garanzija u għalhekk kienet kumpannija f'diffikultajiet. Din il-valutazzjoni hija kkonfermata mill-fatt li tliet banek irtiraw mill-finanzjament ta' l-attivitajiet ta' Biria u saħansitra qablu li jirrinunzjaw parti kbira tal-pretenzjonijiet tagħhom biex bi tpattija jirċievu fidi immedjat tal-krediti li kien fadlilhom. Dan juri li l-banek kellhom dubji serji dwar jekk Biria kenitx kapaċi tlaħħaq mad-djun tagħha u jekk kellhiex titqies bħala kumpannija vijabbli.

(77) Il-Ġermanja targumenta li l-banek irtiraw mill-finanzjament biss minħabba riorjentazzjoni fl-istrateġija kummerċjali tagħhom. Il-Kummissjoni tinnota li l-banek qablu li jirrinunzjaw għal probabbilment madwar 50 % tal-pretenzjonijiet tagħhom, li, ukoll jekk il-banek irtiraw minħabba riorjentazzjoni fl-istrateġija kummerċjali tagħhom, huwa sinjal li l-banek dehrilhom li x'aktarx ma kinux se jirkupraw l-ammont sħiħ tas-self.

(78) Il-Kummissjoni għalhekk tasal għall-konklużjoni li Biria GmbH għandha titqies bħala kumpannija f'diffikultajiet fiż-żmien meta kienet ingħatat il-garanzija u li l-garanzija kellha għaldaqstant titqies bħala garanzija għar-ristrutturar. Billi l-għoti ta' garanzija ta' dan it-tip lil impriża kbira kellha tkun notifikata individwalment lill-Kummissjoni, il-kundizzjonijiet ta' l-iskema approvata ta' għajnuna li taħtha kienet allegatament ingħatat il-garanzija ma kinux issodisfati u l-garanzija ma kenitx koperta mill-iskema ta' għajnuna.

### 6.4. **Għajnuna mill-Istat fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE**

(79) Skond l-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE, kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-istat, tkun xi tkun il-forma tagħha, li twassal għal distorzjoni jew theddida ta' distorzjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti hija, sakemm tkun teffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, inkompatibbli mas-suq komuni. Skond il-każistika stabbilita tal-Qrati Ewropej, il-kriterju ta' kummerċ effettwat huwa ssodisfat jekk id-ditta reċipjenti twettaq attività kummerċjali li tkun tinvolvi kummerċ bejn l-Istati Membri.

(80) Is-sehem passiv (Miżura 1) kien inġħata minn gbb. Il-Ġermanja ssostni li dan seħħ taħt l-"Eigenprogramm" tal-gbb u għalhekk ma kien hemm involut l-ebda appoġġ mill-istat. Il-Kummissjoni tinnota madankollu li, fiż-żmien meta kien inġħata s-sehem passiv, il-gbb kien totalment ikkontrollat mid-Deutsche Ausgleichsbank, bank statali ta' l-iżvilupp li xogħlu kien li jirfdu l-ekonomija Ġermaniża fl-interess pubbliku. Barra dan, il-gbb huwa responsabbli wkoll għal ħidma promozzjonali. Pereżempju, kien responsabbli għall-Fond ta' Konsolidazzjoni u Tkabbir għall-Ġermanja tal-Lvant ("Konsolidierungs- und Wachstumsfonds Ostdeutschland"), li għandu fdat lilu l-provvediment ta' kapital b'ekwità għal kumpanniji ta' daqs medju fil-Ġermanja tal-Lvant biex tissaħħaħ il-bażi tal-kapital azzjonarju tagħhom. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra din il-miżura attribwibbli lill-Istat. Kif indikat fil-paragrafi 59 sa 62, il-miżura tat lil Bike Systems vantaġġ li l-kumpannija ma kenitx tikseb fuq is-suq.

(81) Il-garanziji taħt il-Miżuri 2 u 3 ngħataw mill-Istat Ħieles ta' Sachsen. Konsegwentement, dawn joriġinaw minn sorsi ta' l-istat u huma attribwibbli lill-istat. Il-garanziji jagħtu vantaġġ lil Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH (illum Biria AG) għaliex iż-żewġ kumpanniji ma kinux jistgħu jiksbu l-garanziji fuq is-suq bl-istess kundizzjonijiet.

(82) Kemm Bike Systems kif ukoll Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH jimmanifatturaw ir-roti. Billi l-kummerċ ta' dan il-prodott huwa ta' natura transkonfinali, il-miżuri jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni u jeffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tikkonkludi għalhekk li s-sehem passiv u ż-żewġ garanziji jikkostitwixxu għajnuna mill-istat fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE u li ż-żewġ garanziji ma ngħatawx taħt skema approvata ta' għajnuna. Il-Miżuri 1, 2 u 3 għaldaqstant jikkostitwixxu għajnuna ġdida li trid tiġi vvalutata bħala tali.

*l-element ta' għajnuna tal-Miżura 1*

(83) Skond il-Kummissjoni, l-element ta' għajnuna tas-sehem passiv għandu jkun ikkalkulat bħala d-differenza bejn ir-remunerazzjoni li Bike Systems kien ikollha tħallas fuq is-suq għas-sehem passiv u r-renumerazzjoni li ħallset attwalment. Billi Bike Systems kienet tinsab f'diffikultajiet meta ngħatati s-sehem passiv u billi r-riskju assoċjat kien għoli, l-element ta' għajnuna ma setax jammonta għal 100 % tas-sehem passiv għaliex l-ebda investitur f'ekonomija tas-suq ma kien jagħti s-sehem passiv (ara l-punt 3.2 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE fir-rigward ta' għajnuna mill-istat f'forma ta' garanziji ([7])).

(84) Skond il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu għall-iffissar tar-rati ta' referenza u l-iskontijiet ([8]), ir-rati ta' referenza suppost jirriflettu l-livell medju tar-rati ta' l-imgħax fuq self għal tul ta' żmien medju u twil sostnut minn sigurtà normali. Il-Komunikazzjoni tfakkar ukoll li din ir-rata ta' referenza hija r-rata minima li tista' togħla f'sitwazzjonijiet li jinvolvu riskju partikolari (pereżempju, impriża li tkun tinsab f'diffikultajiet jew meta s-sigurtà normalment mitluba mill-banek ma tiġix ipprovduta). F'każi bħal dawn, il-premium jista' jitla' għal 400 punt bażiku jew aktar. Is-sehem passiv mhux self imma jista' madankollu jitqabbel ma' self b'riskju għoli għaliex, f'każ ta' falliment, dan huwa subordinat għall-pretenzjonijiet l-oħrajn kollha inkluż is-self subordinat.

(85) Kif imfisser fil-paragrafu 61, is-sitwazzjoni ta' Bike Systems wara li kienet ħarġet mill-falliment għandha titqies bħala instabbli. Il-prospetti tagħha għall-ġejjieni kienu inċerti għaliex kien sar biss ristrutturar operattiv limitat. Kif imfakkar fl-istess paragrafu, il-kumpannija għandha għalhekk titqies bħala kumpannija f'diffikultajiet. Barra minn hekk, l-ebda sigurtà fuq self ma kien inġħata għas-sehem passiv u dan kabbar ir-riskju ta' inadempiment. B'żieda man-nuqqas ta' sigurtà fuq is-self, is-sehem passiv huwa wkoll subordinat għas-self l-ieħor kollu f'każ ta' falliment u għalhekk ir-riskju ta' inadempiment jiżdied.

(86) Fil-każ preżenti, għalhekk, il-Kummissjoni jidhrilha li Bike Systems kien ikollha tħallas rata ta' imgħax mill-inqas daqs ir-rata ta' referenza magħduda ma' *premium* ta' 400 punt bażi għaliex il-kumpannija kienet tinsab f'diffikultajiet u *premium* ta' 400 punt bażi oħra minħabba n-nuqqas ta' sigurtà fuq is-self. Il-Kummissjoni jidhrilha wkoll li żieda ta' 200 punt bażi oħra jkunu xierqa minħabba l-grad baxx tas-sehem passiv f'każ ta' falliment. Dan huwa konformi ma' l-indikazzjonijiet mogħtija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu għall-iffissar tar-rati ta' referenza u skontijiet, li tistipula li f'sitwazzjonijiet li jinvolvu riskju partikolari (pereżempju, meta impriża tkun f'diffikultajiet jew meta s-sigurtà normalment mitluba mill-banek ma tiġix ipprovduta) il-*premium* jista' jitla' sa 400 punt bażi jew aktar. L-element ta' għajnuna tas-sehem passiv għalhekk jikkonsisti fid-differenza bejn ir-rata ta' imgħax ta' referenza magħduda ma' 1 000 punt bażi u r-remunerazzjoni attwali li tħallset biex inġħata s-sehem passiv.

([7]) ĠU C 71, 11.3.2000, p. 14.
([8]) ĠU C 273, 9.9.1997, p. 3.

(87) Biex jiġi kkalkulat l-element ta' għajnuna, ir-remunerazzjoni varjabbli ta' 3.5 % tista' titqies biss parzjalment minħabba li din tiddependi minn jekk il-kumpannija tirreġistrax profitti. Is-sitwazzjoni tal-kumpannija kienet, madankollu, dgħajfa u l-prospetti ta' profitt kienu inċerti. Il-Kummissjoni għalhekk jidhrilha li 50 % biss tar-remunerazzjoni varjabbli għandha titqies, jiġifieri l-ammont ta' 1.75 %. Biex jiġi kkalkulat l-element ta' għajnuna, ir-remunerazzjoni attwali għalhekk għandha tkun ir-rata ffissata ta' 8.75 % u magħduda magħha 50 % tar-remunerazzjoni varjabbli ta' 3.5 % li jġib total ta' 10.5 %. Konsegwentement, l-element ta' għajnuna jikkonsisti fid-differenza bejn ir-rata ta' referenza b'1 000 punt bażi u r-remunerazzjoni ta' 10.5 % magħduda magħha.

*Element ta' għajnuna għall-Miżuri 2 u 3*

(88) Grazzi għall-garanziji fil-każ tal-Miżuri 2 u 3 Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH setgħu jibbenefikaw minn kundizzjonijiet finanzjarji għas-self aktar vantaġġużi minn dawk normalment disponibbli fis-swieq finanzjarji. L-element ta' għajnuna ta' dawn il-garanziji huwa d-differenza bejn ir-rata ta' imgħax li Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kien ikollhom iħallsu fuq self bil-kundizzjonijiet tas-suq, jiġifieri mingħajr garanzija, u r-rata ta' imgħax li biha attwalment ingħata s-self garantit. Dan għandu jikkorrispondi mal-*premium* li garanti kien jitlob għal dawn il-garanziji f'ekonomija tas-suq. Billi Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kienu jinsabu f'diffikultajiet fiż-żmien meta ngħataw il-garanziji u s-self, l-element ta' għajnuna jista jammonta sa 100 % tal-garanziji minħabba li l-ebda sellief ma kien se jislef mingħajr garanzija ([9]).

(89) Skond il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodu għall-iffissar tar-rati ta' referenza u l-iskontijiet ([10]), il-Kummissjoni ffissat rati ta' referenza li suppost jirriflettu l-livell medju tar-rati ta' l-imgħax fuq self għal tul ta' żmien medju u twil sostnut minn sigurtà normali. Il-Komunikazzjoni tfakkar ukoll li din ir-rata ta' referenza hija r-rata minima li tista' togħla f'sitwazzjonijiet li jinvolvu riskju partikolari (pereżempju, impriża li tkun tinsab f'diffikultajiet jew meta s-sigurtà normalment mitluba mill-banek ma tiġix ipprovduta). F'każi bħal dawn, il-*premium* jista' jitla' għal 400 punt bażi jew aktar.

(90) Kif imfisser aktar 'il fuq fil-paragrafi 66 sa 78, Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kienu kumpanniji f'diffikultà fi żmien l-għoti tal-garanziji. Is-self u l-garanzija lil Sachsen Zweirad GmbH involvew riskju ulterjuri għaliex is-sigurtà pprovduta fuq is-self kienet partikolarment baxxa. Il-garanzija għas-self lil Sachsen Zweirad GmbH kellha sigurtà biss ta' garanzija assoluta ("selbstschuldnerische Bürgschaft") mogħtija mill-kumpanniji tal-grupp. Il-valur ekonomiku ta' dawn il-garanziji ġenerali huwa baxx ħafna.

(91) Fil-każ preżenti, għalhekk, il-Kummissjoni jidhrilha li, mingħajr il-garanzija, Sachsen Zweirad GmbH kien ikollha tħallas rata ta' imgħax mill-inqas daqs ir-rata ta' referenza magħduda ma' *premium* ta' 400 punt bażi għaliex il-kumpannija kienet tinsab f'diffikultajiet u *premium* ta' 400 punt bażi oħra minħabba li s-sigurtà fuq is-self kienet baxxa ħafna. L-element ta' għajnuna tas-sehem passiv għalhekk jikkonsisti fid-differenza bejn ir-rata ta' referenza magħduda ma' 800 punt bażi u r-remunerazzjoni attwali li tħallset biex jinħareġ is-self garantit.

(92) Rigward is-self u l-garanzija lil Biria GmbH, is-sigurtà fuq self li ngħatat kellha valur ekonomiku ogħla minn dak għall-garanzija għal Sachsen Zweirad GmbH. Madankollu, is-sigurtà fuq self xorta hija aktar baxxa milli huwa normalment meħtieġ. Il-garanzija lil Biria GmbH għandha sigurtà ta' ipoteka ta' l-ogħla grad fuq proprjetà ta' Bike Systems li kienet tammonta għal EUR 15 m. L-ipoteka hija, madankollu, subordinata għal self ieħor ta' EUR 2 m. Din l-ipoteka ta' l-ogħla grad għalhekk tkopri kemm-kemm iktar minn 50 % tas-somma totali tas-self. Il-forom l-oħra ta' sigurtà fuq self (ipoteki, ċessjoni ta' pretenzjonijiet, ċessjoni ta' materjali fil-pussess tal-kumpanniji tal-grupp u garanzija assoluta min-naħa tas-sid ta' Biria) kienu ta' valur ekonomiku baxx.

(93) Konsegwentement, il-Kummissjoni jidhrilha li, mingħajr il-garanzija, Biria GmbH kien ikollha tħallas rata ta' imgħax mill-inqas daqs ir-rata ta' referenza magħduda ma' 400 punt bażi għaliex il-kumpannija kienet tinsab f'diffikultajiet u 300 punt bażi oħra minħabba li s-sigurtà fuq is-self kienet baxxa (imqabbla mal-premium ta' 400 punt bażi għall-garanzija lil Sachsen Zweirad GmbH minħabba s-sigurtà ta' self baxxa ħafna). L-element ta' għajnuna tal-garanzija għalhekk jikkonsisti fid-differenza bejn ir-rata ta' referenza magħduda ma' 700 punt bażi u r-remunerazzjoni attwali li tħallset biex jinħareġ is-self garantit.

### 6.5. **Derogi taħt l-Artikolu 87(2) u (3) tat-Trattat tal-KE**

(94) L-Artikolu 87(2) u (3) tat-Trattat tal-KE jipprevedi eżenzjonijiet għall-projbizzjoni ġenerali ta' l-għajnuna mill-istat kif imfissra fl-Artikolu 87(1).

([9]) Ara n-nota 7 f'qiegħ il-paġna.
([10]) Ara n-nota 5 f'qiegħ il-paġna.

(95) L-eżenzjonijiet fl-Artikolu 87(2) ma japplikawx fil-każ preżenti għaliex il-miżuri ta' l-għajnuna la għandhom karattru soċjali u anqas mhuma mogħtija lil konsumaturi individwali; Barra minn hekk, il-miżuri ma jagħmlux tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew avvenimenti straordinarji u mhumiex mogħtija sabiex jgħinu l-ekonomija ta' ċerti reġjuni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja effettwati mid-diviżjoni fil-pajjiż.

(96) Lanqas l-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 87(3)(b) u (d) mhuma applikabbli. Dawn jirreferu għal għajnuna biex tkun promossa l-eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni u għajnuna għall-promozzjoni kulturali u l-konservazzjoni tal-patrimonju.

(97) Ma jibqax għalhekk għajr l-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 87(3)(a) u (c) u l-linji ta' gwida Komunitarji rilevanti.

***Miżura 1***

(98) L-ewwelnett, il-Kummissjoni tinnota li l-bażi ta' Bike Systems tinsab f'żona megħjuna taħt l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat tal-KE li hija eliġibbli għal għajnuna reġjonali. Madankollu, minkejja d-dubji li qajmet il-Kummissjoni meta bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Ġermanja ma kienet ipprovdiet l-ebda tagħrif biex turi li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' għajnuna reġjonali kif stipulat fil-Linji ta' Gwida għall-għajnuna reġjonali nazzjonali ([11]) kienu ssodisfati.

(99) Eżenzjonijiet oħra jinsabu stipulati fil-Linji ta' Gwida Komunitarji. Minħabba li l-għajnuna ngħatat f'Marzu 2001, japplikaw il-Linji ta' Gwida Komunitarji tad-9 ta' Ottubru 1999 ([12]). Il-Kummissjoni m'għandhiex f'idejha tagħrif li juri li l-għajnuna tista' titqies kompatibbli mat-Trattat tal-KE fuq il-bażi tal-Linji ta' Gwida Komunitarji. Skond il-Linji ta' Gwida Komunitarji, l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni tingħata biss jekk ikun jeżisti pjan sod għar-ristrutturar, ikun evitat it-tfixkil bla bżonn għall-kompetizzjoni u l-ammont ta' għajnuna jkun limitat għal-livell minimu. Minkejja d-dubji mqajma mill-Kummissjoni meta bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Ġermanja ma kienet ipprovdiet l-ebda tagħrif biex turi li dawn il-kundizzjonijiet kienu ġew issodisfati. Il-Kummissjoni tikkonkludi għalhekk li l-kundizzjonijiet tal-Linji ta' Gwida Komunitarji ma kinux ġew issodisfati.

([11]) ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.
([12]) Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

(100) Barra dan, xejn mil-linji ta' gwida Komunitarji l-oħra u r-regolamenti li jirregolaw l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp, l-ambjent, l-impriżi ta' daqs żgħir u medju, l-impjieg u t-taħriġ, il-kapital ta' riskju, eċċ. ma japplika għall-miżura preżenti. Billi ma tikkorrispondi ma' l-ebda għan ta' interess komuni, l-għajnuna tikkostitwixxi għajnuna operattiva li hija inkompatibbli mat-Trattat tal-KE.

***Miżuri 2 u 3***

(101) Il-Kummissjoni tinnota li l-bażi ta' Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH tinsab f'żona megħjuna taħt l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat. Madankollu, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-inċiż u d-dispożizzjonijiet reġjonali ta' l-inċiż (c) mhumiex applikabbli minħabba li Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kienu jinsabu f'diffikultajiet u l-għan tal-miżuri ta' l-għajnuna ma kienx l-iżvilupp ekonomiku ta' ċertu reġjun.

(102) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Linji ta' Gwida Komunitarji biss jistgħu jkunu applikabbli. Minħabba li l-għajnuna ngħatat f'Marzu u Diċembru 2003, japplikaw il-Linji ta' Gwida Komunitarji tad-9 ta' Ottubru 1999 ([13]).

(103) L-għajnuna tingħata biss jekk isseħħ l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar li trid titwettaq fl-inqas żmien possibbli u ġġedded għat-tul il-vijabbiltà tad-ditta fl-ambitu ta' skadenza xierqa u fuq il-bażi ta' previżjonijiet realistiċi fir-rigward tal-kundizzjonijiet operattivi ġejjiena. Minkejja d-dubji mqajma mill-Kummissjoni meta bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Ġermanja ma kienet ipprovdiet l-ebda tagħrif biex turi li l-garanziji kienu ġew ibbażati fuq pjan sod ta' ristrutturar li kien iġedded il-vijabbiltà tal-grupp.

(104) Barra dan, iridu jittieħdu miżuri biex kemm jista' jkun jitnaqqsu l-effetti negattivi ta' l-għajnuna fuq il-kompetituri. Ġeneralment, dawn il-miżuri jieħdu l-forma ta' limitazzjonijiet tal-preżenza tal-kumpannija fis-suq jew is-swieq tagħha wara li l-perjodu ta' ristrutturar ikun wasal fi tmiemu. Il-Kummissjoni ma ngħatat ebda tagħrif dwar is-suq rilevanti jew is-sehem tal-Grupp Biria f'dak is-suq rilevanti. Anqas ma ngħatat tagħrif dwar miżuri kumpensatorji biex tkun limitata l-preżenza tal-kumpannija fis-suq. Minflok, il-Grupp Biria jidher li kien kabbar il-preżenza tiegħu meta ħa l-pussess ta' Checker Pig u Bike Systems fl-2001.

([13]) Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

(105) L-ammont ta' għajnuna jrid ikun limitat strettament għal-livell minimu meħtieġ biex ikun jista' jsir ir-ristrutturar fid-dawl tar-riżorsi finanzjarji eżistenti tal-kumpannija u l-azzjonisti tagħha. Barra minn hekk, il-benefiċjarju jrid jagħmel kontribuzzjoni sostanzjali għall-ispejjeż tar-ristrutturar mir-riżorsi proprji tiegħu jew minn finanzjament estern bil-kundizzjonijiet tas-suq. Billi l-għoti ta' l-għajnuna ma kienx ibbażat fuq pjan ta' ristrutturar, il-Kummissjoni ma kellhiex tagħrif dwar il-kontribuzzjoni tal-benefiċjarju u dwar jekk l-għajnuna kenitx ġiet limitata strettament għal-livell minimu.

(106) Skond il-Linji ta' Gwida Komunitarji, l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni għandha tingħata biss darba. Jekk iddittа kkonċernata fl-imgħoddi tkun irċeviet għajnuna għar-ristrutturazzjoni u jekk ikunu għaddew anqas minn għaxar snin minn mindu jkun wasal fi tmiemu l-perjodu ta' ristrutturar, il-Kummissjoni normalment tippermetti l-għoti ta' għajnuna ulterjuri għar-ristrutturazzjoni imma dan isir biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali u imprevedibbli.

(107) F'April 1996 u Marzu 1998 Sachsen Zweirad GmbH kienet irċeviet għajnuna għar-ristrutturazzjoni f'forma ta' parteċipazzjoni pubblika li ammontat għal total ta' EUR 1,278,200 taħt skema approvata ta' għajnuna. Billi kienu laħqu għaddew anqas minn għaxar snin minn mindu ntemm il-perjodu ta' ristrutturazzjoni ta' Sachsen Zweirad GmbH u billi l-Kummissjoni mhi konxja ta' ebda ċirkustanzi eċċezzjonali u imprevedibbli, il-kundizzjoni għall-"għajnuna unika" ma kenitx ġiet issodisfata bl-għoti taż-żewġ garanziji.

(108) Il-Kummissjoni għalhekk waslet għall-konklużjoni li l-kundizzjonijiet tal-Linji ta' Gwida Komunitarji ma kinux ġew issodisfati.

(109) Barra dan, xejn mil-linji ta' gwida Komunitarji l-oħra u r-regolamenti li jirregolaw l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp, l-ambjent, l-impriżi ta' daqs żgħir u medju, l-impjieg u t-taħriġ, il-kapital ta' riskju, eċċ. ma japplika għall-Miżuri 2 u 3. Billi l-miżuri ma jikkorrispondu ma' l-ebda għan ta' interess komuni, l-għajnuna tikkostitwixxi għajnuna operattiva li hija inkompatibbli mat-Trattat tal-KE.

## VII **GĦELUQ**

(110) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li s-sehem passiv tal-gbb f'Bike Systems ta' EUR 2,070,732, it-80 % garanzija għal self ta' EUR 5.6 m lil Sachsen Zweirad GmbH u t-80 % garanzija għal self ta' 24.875 m lil Biria GmbH (illum Biria AG) jikkostitwixxu għajnuna mill-istat u ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa biex ikunu jistgħu jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq komuni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-istat lil Bike Systems GmbH & Co. Thüringer Zweiradwerk KG, Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH (illum Biria AG) hija inkompatibbli mas-suq komuni. Din l-għajnuna tinkorpora l-miżuri li ġejjin:

a) Miżura 1: sehem passiv ta' EUR 2,070,732 ipprovdut lil Bike Systems GmbH & Co. Thüringer Zweiradwerk KG. L-element ta' għajnuna tikkorrispondi għad-differenza bejn ir-rata ta' imgħax ta' riferenza u magħduda magħha 1 000 punt bażi u r-remunerazzjoni mħallsa għall-għoti tas-sehem passiv (remunerazzjoni fissa magħduda magħha 50 % tar-remunerazzjoni varjabbli).

b) Miżura 2: garanzija ta' EUR 4.480 m lil Sachsen Zweirad GmbH. L-element ta' għajnuna jikkorrispondi għad-differenza bejn ir-rata ta' imgħax ta' referenza u magħduda magħha 800 punt bażi u r-rata ta' imgħax li kienet tħallset biex inħareġ is-self garantit.

c) Miżura 3: garanzija ta' EUR 19.9 m lil Biria GmbH (illum Biria AG). L-element ta' għajnuna jikkonsisti għad-differenza bejn ir-rata ta' imgħax ta' referenza magħduda ma' 700 punt bażi u r-rata ta' imgħax li tħallset biex jinħareġ is-self garantit.

*Artikolu 2*

1. Il-Ġermanja se tieħu l-miżuri neċessarji kollha biex tirkupra mingħand il-benefiċjarju l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 u li ntgħamlet disponibbli lill-benefiċjarju b'mod illegali.

2. Is-sehem passiv u l-garanzija għal Biria GmbH (illum Biria AG) se jitwaqqaf fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-deċiżjoni.

3. L-irkupru se jseħħ mingħajr dewmien u skond il-proċeduri tal-liġi nazzjonali jekk dawn jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni.

4. L-għajnuna li għandha tkun irkuprata tinkludi l-imgħax mid-data li fiha kienet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sad-data ta' l-irkupru tagħha.

5. L-interess għandu jkun ikkalkulat f'konformità mal-Kapitlu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 [14].

*Artikolu 3*

Il-Ġermanja se tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn minnotifika ta' din id-deċiżjoni, dwar il-miżuri diġà mittieħda jew ippjanati biex ikunu konformi magħha. Se tipprovdi dan it-tagħrif permezz ta' l-użu tal-kwestjonarju anness ma' din id-Deċiżjoni. B'mod partikolari, se tissottometti lill-Kummissjoni d-dokumenti kollha li jagħtu prova li l-proċedimenti għall-irkupru jkunu bdew jittieħdu kontra l-benfiċjarju ta' l-għajnuna illegali.

*Artikolu 4*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Jannar 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Neelie KROES

*Membru tal-Kummissjoni*

[14] ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

*ANNESS*

**Tagħrif dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 130**

1. **Kalkolu ta' l-ammont li jrid jiġi rkuprat**

1.1. Jekk jogħġbok agħti d-dettalji li ġejjin dwar l-ammont ta' għajnuna illegali mill-istat li kienet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju:

| Data(i) tal-ħlas (*) | Ammont ta' għajnuna (**) | Munita | Identità tal-benefiċjarju |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |

(*) Id-data jew id-dati li fiha jew fihom l-għajnuna jew ħlas bin-nifs individwali ta' l-għajnuna kienet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju; Jekk il-miżura tikkonsisti f'diversi ħlasijiet bin-nifs u rimborżi, uża ringieli separati.
(**) L-ammont ta' għajnuna għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, ekwivalenti għajnuna gross.

*Kummenti:*

1.2. Jekk jogħġbok fisser fid-dettal kif l-imgħax pagabbli fuq l-ammont li jrid jiġi rkuprat se jkun ikkalkulat.

2. **Miżuri ppjanati u diġà meħuda**

2.1. Jekk jogħġbok iddeskrivi x'miżuri diġà ttieħdu u x'miżuri huma ppjanati biex isir irkupru immedjat u effettiv ta' l-għajnuna. Jekk jogħġbok fisser x'miżuri alternattivi huma disponibbli taħt il-liġi nazzjonali biex isir l-irkupru. Fejn rilevanti, jekk jogħġbok indika l-bażi legali għall-miżuri meħuda jew ippjanati.

2.2. Sa liema data se jkun lest l-irkupru ta' l-għajnuna?

3. **Irkupru diġà miġbur**

3.1. Jekk jogħġbok agħti d-dettalji li ġejjin dwar għajnuna li ġiet irkuprata mingħand il-benefiċjarju:

| Data(i) tal-ħlas (*) | Ammont ta' għajnuna mħallsa lura | Munita | Identità tal-benefiċjarju |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |

(*) Id-data jew id-dati ta' meta l-għajnuna thallset lura.

3.2. Jekk jogħġbok ehmeż id-dokumenti ġustifikattivi tal-ħlasijiet lura li jidhru fit-tabella fil-punt 3.1.